MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1318/2003

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Continental Cars Ltd. u l-istess socjeta` assikurata Continental Cars Ltd**

**vs**

**Jason Vassallo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tnejn u erbghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm242.33) u fejn intqal :**
**Illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-Imriehel, nhar il-21 ta' Dicembru, 2000, meta sehhet kollizzjoni bejn il-vettura targata HAI-197 misjuqa mill-konvenut u l-**

vettura FBK-786 proprjeta` tas-socjeta` attrici Continental Cars Ltd. ;
Ghalhekk l-istess konvenut qed jintalab ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tnejn u erbghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm242.33) rapprezentanti mitejn u sbatax-il lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm217.33) danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta` attrici Middle Sea Insurance plc u li ghalihom kellha taghmel tajjeb s-socjeta` attrici taht polza tat-tip comprehensive kif ukoll hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) imhallsa bhala excess mis-socjeta` Continental Cars Ltd. ;
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali interpellatorja datata 19 ta' Dicembru, 2002, u ta' l-ittra ufficjali kontestwalment ipprezentata a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta ;
Bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fit-23 ta' Settembru, 2003.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo, u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Middle Sea Insurance plc is-somma ta' mitejn u sbatax-il lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm217.33), u lis-socjeta` Continental Cars Ltd. is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00), ilkoll bl-imghax legali dekorribli mid-19 ta' Dicembru, 2002 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali interpellatorja datata 19 ta' Dicembru, 2002, u ta' l-ittra ufficjali kontestwalment ipprezentata a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------